MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 2739/2002

**Carmelo Cortis**

**vs**

**Anthony Aquilina**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Novembru, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' mitejn u disgha u hamsin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm259.45) rappresentanti danni subiti f'incident stradali li sehh gewwa l-Mosta bejn il-vettura bin-numru FAS-553 proprjeta ta'l-attur u misjuqa minn Stanley Cortis u vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAT-995, misjuqa mill-konvenut, ghal liema incident stradali huwa unikament responsabbli l-istess konvenut minhabba imperizja,

negligenza, traskuragini u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra interpellatorja datata 20 ta’ Jannar 2002 ta’l-ittra ufficjali datata 20 ta’ Marzu 2002 u ta’l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenut u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta’l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut pprezentata fis-6 ta’ Dicembru 2002 fejn huwa eccepixxa illi:

1. L-esponent ma huwiex responsabbli ghall-incident imsemmi fl-avviz, anzi dana sehh unikament tort ta’l-attur.
2. Fit-tieni lok s-somma mitluba hija wahda esagerata u trid tigi gustifikata.
3. Ghalhekk t-talbiet ta’l-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema' x-xhieda ta’ l-attur, ta’ Stanley u Benny Cortis, P.S.321, Alan La Grasta u tal-konvenut Anthony Aquilina.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi l-incident mertu tal-kawza sehh fi Triq l-Indipendenza gewwa l-Mosta fl-inkrocju ma’ Mill Street. Rigward id-dinamika ta’l-incident hemm qbil bejn il-partijiet fis-sens illi l-incident sehh meta l-konvenut hareg mit-triq sekondarja u cioe’ Mill Street, sabiex jaqsam it-triq principali. F’dan il-mument sehhet il-kollizzjoni mal-vettura misjuqa minn Stanley Cortis li kienet qed tinsaq f’Indipendence Avenue. Mix-xhieda tal-partijiet inoltre jirrizulta illi l-vizwali tal-konvenut li kien hiereg mit-triq sekondarja kienet ostakolata b’*coach* li kienet ipparkeggjata gewwa Independence Avenue tant illi huwa ma setax jara it-traffiku li kien qed jinsaq fuq it-triq principali. Di fatti is-sewwieq Cortis ighid illi anke hu kellu jaqla’ xi ftit ‘il barra sabiex ighaddi din il-*coach*, izda dejjem baqa’ fuq il-karreggjata tieghu, peress illi it-triq kienet wiesgha

bizzejjed sabiex tippermettielu jaghmel dan. Kif huwa qabez il-*coach*, jikkontendi illi sab il-vettura tal-konvenut hierga mit-triq sekondarja ma' wiccu.

Minhabba il-fatt illi l-konvenut ma setax jara sew it-traffiku li kien qed jinsaq fuq it-triq principali huwa ighid li beda jisporgi ftit ftit 'il barra u hekk kif ghamel dan u cioe' kien xiref bizzejjed sabiex qabez il-*coach*, huwa lemah il-vettura l-ohra gejja b'velocita eccessiva u ghalhekk iddecieda f'dak il-mument illi jiehu *evasive action* u minflok saq lura huwa hareg u qasam it-triq, izda ma irnexxielux jiskapula lil din il-vettura tant illi l-vettura misjuqa minn Cortis hadet bi sbrixx il-vettura tal-konvenut fuq il-*bumper* ta' wara. Jidher mix-xhieda tal-konvenut illi huwa kien tant sporga 'il barra illi kien diga jinsab f'nofs il-karreggjata tat-triq fejn kien qieghed isuq Cortis.

Illi ghalhekk mill-assjem tal-provi prodotti u senjatament mill-iskizz tal-pulizija esebieta a fol.41 tal-process ma hemmx dubbju ili l-konvenut kien hiereg minn triq sekondarja ghal fuq triq principali u ghalhekk kellu obbligu principali illi izomm a *proper lookout* u jesplora it-triq sew qabel ma jintenta jaqsamha. Illi dan l-obbligu tal-konvenut kien ikbar meta wiehed iqies illi minn fejn kien hiereg u cioe' f'Mill Street hemm *stop sign* li tindika b'mod mandatarju lill-konvenut u kull utent iehor ta'l-istess triq li hemmhekk wiehed irid jieqaf.

Illi l-konvenut min-naha tieghu isostni illi Cortis kien qieghed isuq bi *speed* eccessiv tant ili halla warajh sitt metri brejk marks. Illi wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u id-dinamika ta'l-incident, it-Tribunal ma jarax ghalfejn jekk huwa minnu li Cortis kien ghaddej b'xi velocita eccessiva dana seta b'xi mod ikun kagun ta'l-incident mertu tal-kawza. Fuq kollox Cortis kien qieghed isuq fil-karreggjata tieghu fit-triq principali u ma kellux ghalfejn joqghod attent ma kull inkrocju li jirrallenta sabiex jippermetti xi vetturi hergin minn toroq sekondarji sabiex jaqssmu l-istess.

Ir-responsabbilta' li jiehu il-prekawzjonijiet kollha necessarja inkombenti fuq il-konvenut kienet wahda kbira

minhabba diversi fatturi. Principalment l-konvenut kien bi hsiebu jaqsam arterja principali tat-traffiku fis-sens illi huwa kien hiereg minn triq sekondarja ghal fuq major road bl-intenzjoni li jittraversa l-istess. Di piu' kien hemm *stop sign* li kienet qed timponielu l-obbligu li jieqaf. F'dawn ic-cirkostanzi, l-konvenut kif ammess minnu stess kellu il-vizwali tat-traffiku ostakolata minhabba vettura ta' dimensjonijiet kbar u cioe' *coach* li kienet ipparkeggjata proprju vicin it-triq sekondarja minn fejn kien bi hsiebu johrog.

Inoltre mix-xhieda tieghu stess jirrizulta illi huwa tant kien sporga 'il barra sabiex jesplora it-triq illi huwa kien diga jinsab fin-nofs tal-karreggjata tat-triq minn fejn kien gej Cortis tant illi certament kien qieghed jostakola il-passagg liberu tat-traffiku fuq it-triq principali. Inoltre jirrizulta ukoll illi l-konvenut ra l-vettura ta' Cortis gejja u f'dak il-mument huwa ha decizjoni ghal kollox zbaljata u perikoluza li jibqa' hiereg u jaqsam it-triq principali, malajr sabiex jevita il-kollizzjoni, b'xorti tajba illi f'dak il-mument ma kienx gej traffiku mid-direzzjoni l-opposta tat-triq. Kienu ghalhekk dawn il-fatturi indubbjament li wasslu ghal kollizzjoni li seta kellha konsegwenzi iktar serji.

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Mejju 1992 f'kawza fl-ismijiet Owen Borg vs Frances Borg:
"*il-kawza prossima, immedjata w unika ta'l-incident kienet il-mod inkonsult kif il-konvenut qabad u hareg minn wara stop sign bla ma ha il-prekawzzjonijiet kollha li hu kien obbligat jiehu qabel ma johrog fuq it-triq principali li fiha l-attur certament kellu id-dritta. L-attur allura fil-konfront tal-konvenut ma kien jehtieglu jipprova xejn biex jiskolpa ruhu ghaliex hu kellu kull dritt jippretendi li l-karreggjata tieghu tkun ghal kollox hielsa mit-traffiku li ma kienx qed jigi bhal misjuq fuq it-triq principali. Hu zgur li ghalkemm l-attur kellu jzomm quddiem ghajnejh li seta' jkun hemm xi traffiku jistenna biex johrog ghal fuq il-karreggjata tieghu mit-toroq laterali, hu ma kellu l-ebda obbligu li jcedi lil tali traffiku jew li jaghti attenzjoni partikolari ghalih*." (ara sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, per Imhallef R.Pace fit-22 ta' Jannar 2002 fil-kawza fl-ismijiet

Fogg Limited nomine et vs Jesmond Ellul, fejn il-Qorti studjat *in funditus* din il-materja.).

Illi ghalhekk in vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, jirrizulta illi l-konvenut mhux biss xiref mill-*istop sign* u anke mill-*coach* li kienet ipparkeggjata, izda addirittura dahal kollu kemm hu fit-triq principali meta kien diga’ ra lil Cortis gej, tant illi qabad u qasam it-triq principali b’mod inkonsiderat sabiex jipprova jevita il-kollizzjoni.

Illi ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, ghalkemm l-konvenut jissolleva l-eccezzjoni illi l-ammont mitlub huwa esagerat, madanakollu huwa ma iressaq l-ebda prova in sostenn ta’l-istess u ghalhekk it-Tribunal sejjer jistrieh fuq id-Dokumenti CC1 u CC2 esebieti mill-attur, konsistenti fi stimi tal-hsarat subiti fil-vettura tieghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza u filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati minnu, jilqa it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ mitejn u disgha u hamsin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm259.45), bl-imghaxijiet legali mid-19 ta’ Novembru 2002.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tal-20 ta’ Marzu 2002 u dawk ta’l-ittra ufficjaliipprezentata kontestwalment ma’l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------